MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2884/2002

**Forestals (Appliances) Limited**

**Vs**

**Edwin Schembri**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm100.00c (mitt lira Maltin) rappresentanti l-import ta’ kambjala mahruga mis-socjeta’ attrici fit-8 ta’ Awwissu, 1997 liema kambjala skadiet fit-8 ta’ Frar, 1998.

Illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa’ inadempjenti minghajr raguni valida, ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza tal-imsemmija kambjala sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------